

Brussell, 31 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14589/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0316 (NLE)

LIMITE

ENV 1119
JUR 713
INF 198
ONU 76
RELEX 1361

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13400/25
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien sessjoni tal-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar il-komunikazzjonijiet ACCC/C/2015/128 dwar l-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat, ACCC/C/2013/96 dwar Proġetti ta' Interess Komuni, ACCC/C/2014/121 dwar id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u ACCC/C/2010/54 dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Enerġija - Adozzjoni

1. Il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus) hija l-uniku strument internazzjonali legalment vinkolanti li jagħti lill-pubbliku drittijiet wiesgħa u konkreti ta' parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet u aċċess għall-infommazzjoni u l-ġustizzja fir-rigward tal-ambjent. It-tmien sessjoni tal-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus (MOP8) ser issir mis-17 sad-19 ta' Novembru 2025 f'Ġinevra. L-UE u l-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus.

2. Skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-Kumitat għall-Konformità ngħata l-kompitu li jirrevedi l-konformità tal-Partijiet mal-Konvenzjoni, u f'kull sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet, id-deċiżjonijiet dwar in-nuqqas ta' konformità minn Partijiet speċifiċi jiġu kkunsidrati u adottati. Wieħed mill-punti fuq l-aġenda tal-MOP8 huwa d-Deċiżjoni VIII/8e dwar il-konformità mill-Unjoni mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, inkluż is-sejbiet tal-Kumitat għall-Konformità fir-rigward tal-komunikazzjoni ACCC/C/2015/128 fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali rigward id-deċiżjonijiet finali dwar l-ghajjnuna mill-Istat u r-rakkomandazzjonijiet fid-Deċiżjoni VII/8f fir-rigward tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, il-Proġetti ta' Interess Komuni u d-Direttiva 2010/75/UE.
3. Fit-30 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar il-komunikazzjonijiet ACCC/C/2015/128 dwar l-aċċess għall-ġustizzja fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar l-ghajjnuna mill-Istat, ACCC/C/2013/96 dwar Proġetti ta' Interess Komuni, ACCC/C/2014/121 dwar id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u ACCC/C/2010/54 dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Energija¹.
4. Il-proposta tal-Kummissjoni ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (UNECE Aarhus) fl-1 ta' Ottubru 2025 u mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fis-6 ta' Ottubru 2025. Abbażi tad-diskussjonijiet f'dawn iż-żewġ laqgħat u tal-kummenti mibgħuta mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ħejjiet test ta' kompromess². Proċedura ta' silenzju informali, li ntemmet fit-13 ta' Ottubru 2025, ikkonfermat li kien hemm maġġoranza kwalifikata favur it-test ta' kompromess tal-Presidenza. It-test għadda minn reviżjoni mill-ġuristi lingwisti³, li fiha, fost l-oħrajn, saru l-bidliet fil-premessa 3 sabiex jiġi allinjat mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2271⁴.

¹ Id-dokument 13400/25.

² Id-dokument 13853/25.

³ Id-dokument 13931/25.

⁴ ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2271/oj>

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:

- a) jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li jinsab fid-dokument 13931/25 (test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti) bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss;
- b) jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
